**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 28 TAL-
KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 28 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 28**

28.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

28.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 27;

28.3 Punti mill-minuti;

28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

28.5 Aġġornament dwar l-Awditjar tal-Kontijiet 2025;

28.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

28.7 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

28.8 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

28.9 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Joseph M. Attard | *Kunsillier* | Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* |
| Mary Borg | *Kunsilliera* | Alexander Agius | *Kunsillier* |
| Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* | | |

**28.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Is-Sindku informa li l-Kunsilliera Sandra Gauci, Darryl Connor u Clevion Micallef talbu li jkunu skużati mill-laqgħa. Il-Kunsilliera Alan Bugeja jidher li kien indispost imma naqas milli informa l-Aġent Segretarju fil-ħin.

**27.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti ta' minuti – Laqgħa Numru 27**

Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 27 hekk kif miktuba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Fuq proponiment tal-Kunsillier Raymond Tabone, issekondat mill-Kunsillier sinjura Sandra Smart Costantino, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**27.3 Punti mill-minuti**

Il-Kunsillier Raymond Tabone talab li fil punt 'Tweġibiet għall mistoqsijiet tal Kunsilliera' jitniżżel l isem ta' min ikun ressaq il mistoqsijiet.

Is-Sindku informa li x-xogħlijiet fi Triq Cassarino għadhom għaddejjin minħabba li nqalgħu xi diffikultajiet waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol, peress li hemm bżonn li s-servizz tal-ilma jgħaddi minn taħt il-*cables* tal-elettriku.

Twaqqiegħ tal-fond tal-HSBC – Il-Kunsill tkellem ma' min ser jieħu ħsieb ix-xogħlijiet u l-permessi. Ittieħdu l-proposti tagħna dwar kif għandu jsir l-aħjar immaniġġjar tat-traffiku, u dawn ġew sottomessi lil Transport Malta u approvati minnha. Sakemm ma jinqala' xejn, ix-xogħlijiet mistennija jibdew il-ġimgħa d-dieħla, u l-parkeġġ għal persuni bi bżonnijiet speċjali ser jitressaq aktar 'il fuq fi Triq San Ġorġ.

**27.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Tlielaq tar-roti** – Is-Sindku għamel referenza għat-tlielaq tar-roti li ġew imsemmija fil-laqgħat preċedenti. Wara diskussjonijiet bejn l-organizzaturi u l-kuntrattur li qed imexxi x-xogħlijiet, kien hemm qbil sabiex Triq San Martin tinfetaħ biex ir-roti jkunu jistgħu jgħaddu minn hemm, kif fil-fatt seħħ.

Għat-tellieqa l-oħra ntużat il-bypass, u kien hemm kummenti minn kunsilliera li dan l-għeluq affettwa l-influss ta' karozzi minn Triq San Pawl. Is-Sindku ħa l-opportunità li jinforma lill-membri li hemm xogħlijiet mistennija jsiru fi Triq San Pawl, u dawn ser jiġu diskussi aktar 'il quddiem meta x-xogħlijiet ikunu kkonfermati.

**Laqgħa mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli** – Is-Sindku informa li, flimkien mal- Aġent Segretarju Eżekuttiv, attenda laqgħa fis-27 ta' April mal-Onorevoli Alison Zerafa Civelli u d-Direttur tal-Gvern Lokali rigward sqaq fir-raba' f'Wied Qannotta.

Il-Kunsill preċedenti ma kellu l-ebda oġġezzjoni li ssir din it-triq, sakemm il-Kunsill ma jkunx responsabbli għall-ispejjeż relatati max-xogħlijiet.

L-Avukat preżenti għamel proposta sabiex issir talba għall-esproprjazzjoni, iżda ma kienx hemm qbil min-naħa tas-Sindku li dan isir. Madankollu, skont id-deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti, m'hemmx oġġezzjoni li jsir ir-resurfacing tagħha bl-istess kundizzjonijiet.

**27.5 Aġġornament dwar l Awditjar tal Kontijiet 2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-awditjar sar u li bħalissa għaddejjin verifiki ulterjuri. Huwa spjega li ser jiġi kkuntattjat l-Accountant sabiex ikun preżenti fil-laqgħa li jmiss u jippreżenta l-informazzjoni relatata mal-awditjar.

**27.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet mressqa.

**27.7 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Is-Sindku informa li l-ħarġa kulturali għall-anzjani ser issir ix-xahar id-dieħel.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li ngħalqet il-kwotazzjoni għax-xiri tal-ikel għall-qtates, u l-Kunsill ser jipproċedi bix-xiri ta' madwar 70 sa 100 borża ikel ta' kwalità tajba.

**27.8 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti.

L-iskeda ppreżentata ġiet approvata fuq proposta tal-Kunsilliera s-Sinjura Anne Marie Fenech, issekondata mill-Kunsillier Alexander Agius, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**27.9 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:00. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2026 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

______________________ ______________________

**Aġent Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**Bjorn Bonello** **Ċensu Galea**